**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**James Tabone**

**Kumpilazzjoni 246/2018**

**Illum 3 ta′ Mejju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **James Tabone** detentur tal-karta tal-identita′ bin-numru180283(M) billi huwa akkuzat talli nhar id-19 ta′ April 2018 ghall-habta ta′ nofsinhar neqsin kwart (11:45 hrs) gewwa Triq Censu Bugeja , Hamrun:

1. Bil hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew is-sahha u cioe′ feriti ta′ natura gravi fuq il-persuni ta′ Saviour Cachia u Ashley Bernardette Camilleri werad dan il-hsieb billi b′atti esterni ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt u volontarjament ta daqqa ta′ arma rregulari (sikkina) fuq il-gisem ta′ l-imsemmi Saviour Cachia, li liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga acciudentali w indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64(2), 214, 215, 216 u 217 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, permezz ta' arma rregulari (sikkina), kkanguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Cachia u Ashley Bernardette Camilleri u dan skond ma' ccertifika Dr. Ryan Camilleri M.D (Reg. No. 2672) mill-ispetar Mater Dei, u dan bi ksur tal-artikoli 214, 215 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi insulentajt u heddidt bi kliem lil Saviour Cachia u Ashley Bernardette Camilleri u dan bi ksur tal-artiklu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi fil-hin li qed jaghmel delitt kontra l-persuna kelli fil-pussess tieghu arma rregolari, cioe' strument li jaqtá u bil-ponta, jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur tal-artiklu 55(5) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kiser il paci pubblika b'ghajjat, storbju w glied, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi zamm u/jew garr strument li jaqtá u bil-ponta minghir licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tqis lil imputat James Tabone bhala li sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 19 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtá tal-persuna offiza cioe' Saviour Cachia u Ashley Bernardette Camilleri, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew mgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9 u f'kaz ta htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurtá tal-persuni

offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412 D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandjom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu  tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (*a fol.*6) datat 20 ta' April 2018 u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-prodediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l- ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni, l-*Parte Civile* u d- Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fedina penali u l-fatt li l-imputat ikkopera bi shih u mill-ewwel fil-kors tal-investigazzjonijiet.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 41(1)(a), 64(2), 214, 215, 216, 217, 221(1), 338 (dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bi ksur tal-Artikoli 6, 51 (7) u 55(a) issib lill-imputat hati u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija, kif ukoll multa ta' mija u sbatax –il ewro (€117).

Il-Qorti ordnat ukoll li-ssir il-konfiska ta' l-arma.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**